9 ta' Marzu, 1948.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Edgar Spiteri Mallia ne. *versus* Carmelo Borg

**Bejgħ — Apertura ta' Kreditu — Klawsola "Cash Against Documents" — Spedizzjoni Immedjata — Art. 1111 tal-Kodiċi Civili.**

*Meta bejgħ ta' merkanzija li għandha tiġi minn barra jsir bil-klawsola "cash against documents", ix-xerrej ma hux obligat jiftaħ kreditu; u għalhekk, jekk huwa jirrifjuta li jiftaħ dak il-kreditu, huwa ma jkunx naqas minn obligu tiegħu.*

*Jekk fil-ftehim ikun ingħad li l-ispedizzjoni tal-merkanzija kellha tkun immedjata, dan juri li fil-ħsieb tal-partijiet ma setax kien hemm ebda idea ta' dewmien. Għaldaqstant ix-xerrej għandu dritt jirrifjuta l-merkanzija, jekk din tasal tard. Għax f'dan il-każ il-bejjiegħ ikun naqas mill-osservanza tat-terminu, u għalhekk il-bejgħ jinħall "ipso jure".*

L-attur fit-taħrika qal li l-konvenut ordna fuq kampjunarju li għadu f'idejh kwantitativ ta' kpiepel tat-tiben, u fuq talba tiegħu stess, f'lok fetaħ kreditu hu, fetħet kreditu u ħallset għalih id-ditta attriċi; u li bla ebda raġuni valida rrifjuta jħallas u jirċievi l-merkanzija, avvolja interpellat biex iħallas; li l-merkanzija ġiet depożitat taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti favur il-konvenut; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut jiġi kundannat jirtira l-partita kpiepel depożitata b'ċedola tal-14 ta' Ottubru 1947, u jħallas kontestwalment £104. 13. 6 prezz ta' kpiepel, li jinkludi nol, kummissjoni, spejjeż ta' l-iskariku telegramm, spejjeż bankarji u dazji imħallsa għalih minnu, flimkien ma' l-imgħax mit-30 ta' Awissu 1947, data tar-rifjut li jieħu l-konsenja; bl-ispejjeż, komprizi dawk taċ-ċedola ta' depożitu tal-14 ta' Ottubru 1947, u tal-magazzinaġġ għand id-ditta A. & V. Brockdorff sar-rtir effettiv;

*Omissis;*

Mill-provi rriżulta li fil-11 ta' Ġunju 1947, il-konvenut ordna lill-attur l-importazzjoni ta' kpiepel tat-tiben għax-xtut tal-baħar, fuq kampjun li wrieh l-attur.............. Skond dak l-ordni l-merċa kellha tinbiegħ F.O.B. "cash against documents", u l-ispedizzjoni kellha tkun immedjata.

jidher li l-konvenut ma keilux l-obligu li jiftaħ il-kreditu; u meta ġie mitlub jiftaħ il-kreditu, u ma riedx jiftħu, ma naqasx minn ebda obligu. Dana jispjega l-għala fl-aħħar mill-aħħar l-attur fetaħ hu l-kreditu. L-ispedizzjoni kellha tkun immedjata, jiġifieri minnufih, u dana juri li fil-ħsieb tal-partijiet ma setax kien hemm ebda idea ta' dewmien. Anzi l-klawsola "goods to be forwarded immediately" turi li kien hemm l-idea li l-merċa kienet ġa lesta, b'mod li setgħet tinbagħat malli jasal l-ordni;

Fil-fatti rriżulta mid-dokument fi-fol. 38 li l-kpiepel kienu għadhom mhumiex lesti u kienu bdew jinħadmu wara li d-dar irċeviet l-ordni. Il-konvenut xehed li kien issemma li l-merkanzija kellha tasal Malta fi 15-il ġurnata, jew għall-aktar l-aktar fi tliet ġimgħat; u li kieku l-ispedizzjoni saret malajr meta wasal l-ordni għand il-fabbrika, il-merkanzija kienet tasal hawn Malta f'anqas minn tliet ġimgħat, kif urew il-fatti sussegwenti. Il-versjoni tal-konvenut tinsab imwettqa............. Dik il-merkanzija kienet ġeneru ta' l-istaġun tas-sajf, u għalhekk ma setax kien preżumibili li l-konvenut kien sejjer jordnaha jekk ma keilux l-assikurazzjoni illi tasal fi żmien qasir; il-għaliex, jekk ikun għadda s-sajf, jew dana wasal biex jispiċċa, bejgħ ta' dawk il-kpiepel ma tantx kien jista' jkun hemm. Il-konvenut kellu għalhekk raġun jippretendi li l-ispedizzjoni ma ssirx tard. Fil-fatti l-ispedizzjoni saret fid-9 ta' Awissu, u l-merkanzija wasiet f'Malta fis-26 ta' dak ix-xahar; u allura l-konvenut ma riedx jirċievi dawk il-kpiepel, għax waslu tard. Anzi l-konvenut xehed li kien għarraf lill-attur li l-merkanzija ma riedhiex meta, fis-16 ta' Lulju, l-attur mar urieh telegramm li kien irċieva fit-22 ta' Ġunju u li minnu kien jidher illi l-ispedizzjoni kienet sejra tiddawwar. Għaldaqstant, peress li, kif intqal, l-spedizzjoni kellha tkun minnufih — immedjata — u l-ġeneru tal-merkanzija kien speċjali ta' l-istaġun tas-sajf, u s-sajf kien wasal biex jispiċċa, il-konvenut ma kienx tenut jirċievi u jaċċetta dik il-merkanzija, għax l-attur naqas mill-osservanza tat-terminu; u għalhekk il-bejgħ tħassar "ipso jure" (art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili u art. 121 tal-Kodiċi Kummerċjali);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.